

Brussell, 9 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

15818/22

CORDROGUE 83
SAN 655
COHOM 154

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	8 ta' Diċembru 2022
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 15227/22 + ADD 1	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-politika dwar id-drogi

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-politika dwar id-drogi, kif approvati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fit-3920 laqgħa tiegħu li saret fit-8 ta' Diċembru 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem**għall-politika dwar id-drogi**

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

FILWAQT LI JFAKKAR li l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi għandha l-għan li tipproteġi u ttejjeb il-benesseri tas-soċjetà u tal-individwi, li tipproteġi u tippromwovi s-saħħa pubblika, li toffri livell għoli ta' sigurtà u benessere għall-pubbliku inġenerali u li żżid l-għarfien dwar is-saħha¹; li hija bbażata fuq id-dritt internazzjonali, inkluż il-Konvenzjonijiet internazzjonali għall-kontroll tad-drogi li jiffurmaw il-qafas legali internazzjonali tas-sistema dinjija għall-kontroll tad-drogi, kif ukoll id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem;

FILWAQT LI JFAKKAR fl-impenn tal-UE fl-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali ma' pajjiżi terzi, reġjuni, organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali, u fuq livell multilaterali biex jiġu segwiti l-approċċ u l-oġġettivi tal-Istrateġija, inkluż fil-qasam tal-iżvilupp, u għat-titjib tar-rwol tal-UE bħala medjatur globali għal politika dwar id-drogi ċċentrata fuq in-nies u orjentata lejn id-drittijiet tal-bniedem;

FILWAQT LI JFAKKAR li l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi għandha l-għan li tikkontribwixxi għat-tnaqqis fid-domanda u l-provvista ta' drogi, u li tindirizza l-ħsara marbuta mad-drogi b'approċċ ibbażat fuq l-evidenza li jkun integrat, multidixxiplinari u bilanċjat u li jinkorpora perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tal-ekwità tas-saħha²;

FILWAQT LI JFAKKAR fid-dokument ta' eżitu tas-Sessjoni Speċjali tal-2016 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar il-problema dinjija tad-drogi, li jirrakkomanda l-promozzjoni tal-benesseri tas-soċjetà inġenerali bl-elaborazzjoni ta' strateġiji xjentifiċi effettivi bbażati fuq l-evidenza mfasslin għall-ħtiġijiet tal-individwi, tal-familji u tal-komunitajiet bħala parti minn politika nazzjonali komprensiva u bilanċjata dwar id-drogi, fuq bażi nondiskriminatorja³;

¹ Għan, bażi u approċċ tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025

² Strateġija tal-UE dwar id-Drogi, Introduzzjoni, paragrafu 8 u paragrafu 2

³ Dokument ta' eżitu tas-Sessjoni Speċjali tal-2016 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar il-problema dinjija tad-drogi, Prevenzjoni tal-abbuż tad-droga, paragrafu d)

FILWAQT LI JFAKKAR fir-Riżoluzzjoni 37/42 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti⁴ tat-23 ta' Marzu 2018 dwar il-kontribut għall-implimentazzjoni tal-impenn konġunt biex tiġi indirizzata u miġġielda b'mod effettiv il-problema dinjija tad-drogi b'rigward għad-drittijiet tal-bniedem, li tagħraf il-valur ta' interventi ta' politika komprensivi u bilanċjati, inkluż dawk fil-qasam tal-promozzjoni ta' għajxien sostenibbli u vijabbli;

FILWAQT LI JFAKKAR li d-drittijiet tal-bniedem huma universali, inaljenabbli, indiviżibbli, interdipendenti u interrelatati, inkluż fil-kuntest tal-politika dwar id-drogi, l-assistenza għall-iżvilupp, il-kura tas-saħħa u l-ġustizzja kriminali;

FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp alternattiv, li jilqgħu r-rwol ewlieni tal-UE u l-Istati Membri tagħha fl-allinjament tal-iżvilupp alternattiv ma' interventi marbuta miegħu ta' politika dwar id-drogi bl-iżvilupp fil-qalba tagħhom kif ukoll mal-istrateġiji tal-iżvilupp u politiki settorjali globali, bħall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-politika dwar id-drogi; it-tnaqqis tal-faqar; l-iżvilupp rurali u s-sigurtà tal-ikel; l-aċċess għall-art u d-drittijiet tal-art; il-ħarsien tal-ambjent u t-tibdil fil-klima; is-soluzzjoni paċifika ta' kunflitti armati u s-sigurtà; il-promozzjoni tal-istat tad-dritt u l-governanza tajba; u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri⁵;

FILWAQT LI JFAKKAR li l-implimentazzjoni koerenti, effettiva u effiċjenti tal-miżuri għandha tiżgura kemm livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, ta' stabbiltà soċjali u ta' sigurtà kif ukoll tikkontribwixxi għas-sensibilizzazzjoni. Kwalunkwe konsegwenza negattiva potenzjali mhux intenzjonata assoċjata mal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet għandha tiġi minimizzata, id-drittijiet tal-bniedem għandhom jiġu sostnuti u l-iżvilupp sostenibbli għandu jiġi promoss⁶;

⁴ https://ap.ohchr.org/documents/dpage_e.aspx?si=A/HRC/RES/37/42

⁵ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iżvilupp Alternattiv: "Lejn fehim ġdid tal-iżvilupp alternattiv u interventi marbuta miegħu ta' politika dwar id-drogi bl-iżvilupp fil-qalba tagħhom – Il-kontribut għall-implimentazzjoni ta' UNGASS 2016 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU", 14338/18

⁶ Strateġija tal-UE dwar id-Drogi, Introduzzjoni, paragrafu 3

FILWAQT LI JENFASIZZA li l-Istati Parti għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal intrabtu li jieħdu l-miżuri kollha xierqa, inkluż miżuri leġiżlattivi, amministrattivi, soċjali u edukattivi, biex jipproteġu t-tfal mill-użu tad-drogi, u biex jipprevjenu l-użu tat-tfal fil-produzzjoni u t-traffikar ta' sustanzi bħal dawn⁷;

FILWAQT LI JAGĦRAF li l-istigmatizzazzjoni marbuta mal-użu tad-drogi u d-disturbi relatati mal-użu tad-drogi għandha tiġi indirizzata, speċjalment peress li din l-istigma jista' jkollha effett detrimental fuq is-saħħa mentali u fiżika tal-persuni li jużaw id-drogi u tista' taġixxi wkoll bħala ostaklu biex jinkiseb appoġġ⁸;

FILWAQT LI JAGĦRAF li n-natura b'diversi aspetti tal-fenomeni tad-droga jeħtieġ approċċ komprensiv li jinkorpora l-perspettiva tal-ġeneru u tal-età u jippromwovi kemm l-ugwaljanza bejn il-ġeneri kif ukoll in-nondiskriminazzjoni tal-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u marginalizzati⁹;

FILWAQT LI JFAKKAR fil-ħtieġa li jinżammu u jitjiebu d-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-kopertura tas-servizzi tat-tnaqqis tar-riskju u tal-ħsara, inkluż l-aħjar prattiki bbażati fuq l-evidenza, iggwidati mill-istandards minimi tal-kwalità għall-interventi ta' tnaqqis ta' domanda għad-drogi fil-Istati Membri tal-UE, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali¹⁰;

FILWAQT LI JTENNI l-kontinwità tal-kura tul il-proċedimenti tal-ġustizzja kriminali, u l-importanza li l-persuni bi problemi ta' użu ta' sustanzi jiġu offruti firxa wiesgħa ta' servizzi volontarji u bbażati fuq l-evidenza b'rabta mad-drogi, inkluż kura, trattament, tnaqqis tar-riskju u tal-ħsara, ibbażati fuq kunsens infurmat u mmexxi minn professjonisti tas-saħħa, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali¹¹;

⁷ Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, artikolu 33

⁸ Strateġija tal-UE dwar id-Drogi, Prijorità Strateġika 6.4

⁹ Il-pożizzjoni komuni tas-sistema tan-NU li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-politika internazzjonali għall-kontroll tad-drogi permezz ta' kollaborazzjoni effettiva bejn l-aġenziji - Prinċipji kondiviżi

¹⁰ Strateġija tal-UE dwar id-Drogi, Prijoritajiet Strateġiċi 7.1 u 7.2; Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2003 dwar il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-ħsara relatata mas-saħħa assoċjata mad-dipendenza fuq id-drogi (2003/488/KE)

¹¹ Il-prinċipju tal-kontinwità tal-kura huwa stabbilit fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi għal trasgressuri li jieħdu d-drogi; il-ħtieġa ta' kunsens infurmat u l-involvement tal-professjonisti tas-saħħa hija msemmiha fil-Linji Gwida Internazzjonali, kif ukoll fir-rapport dwar il-politiki dwar id-drogi tal-Grupp ta' Ħidma dwar id-Detenzjoni Arbitrarja (WGAD) tan-NU.

FILWAQT LI JIRRIKONOXI li t-traffikar tad-drogi huwa theddida għas-saħħa, is-sikurezza u l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini tal-UE, u għall-ekonomija legali, l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Istati Membri tal-UE;

FILWAQT LI JIRRIKONOXI wkoll l-isforzi kollaborattivi tal-Istati Membri tal-UE u, skont il-kompetenzi tagħhom, tal-Kummissjoni u l-aġenziji rilevanti tal-UE fil-għlied kontra t-traffikar tad-drogi u t-trażżin tas-swieq tad-drogi illeċiti;

FILWAQT LI JENFASIZZA l-ħtieġa tal-prevenzjoni tal-kriminalità marbuta mad-drogi b'enfasi partikolari fuq il-ħtieġa għal għlied kontra l-vjolenza, it-traffikar, il-korruzzjoni u l-isfruttament tal-bnedmin, speċjalment il-gruppi vulnerabbli, billi jiġu indirizzati l-fatturi sottostanti li jwasslu għall-involvement tagħhom fis-swieq tad-drogi illeċiti;

FILWAQT LI JFAKKAR fil-prinċipji tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-prinċipji tal-legalità, u l-proporzjonalità bejn ir-reati kriminali u l-pieni;

FILWAQT LI JFAKKAR fid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi;

FILWAQT LI JIKKUNDANNA l-piena kapitali, il-qtil ekstrasgudizzjarju u d-detenzjoni arbitrarja, inkluż għal reati marbuta mad-drogi f'ċerti pajjiżi fid-dinja;

FILWAQT LI JAGĦRAF li skont il-konvenzjonijiet tan-NU għall-kontroll tad-drogi l-Istati jistgħu jikkunsidraw miżuri alternattivi mhux ta' kustodja għal persuni akkużati b'reati minuri mhux vjolenti marbuta mad-drogi, u jistgħu jipprovdu, f'konformità mas-sistemi nazzjonali, kostituzzjonali, legali u amministrattivi, alternattivi jew miżuri addizzjonali fejn jidħlu l-kundanna jew il-piena¹²;

¹² Konvenzjoni tan-NU kontra t-Traffikar Illeċitu ta' Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi tal-1988, Artikolu 3(4c)

FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2018 dwar alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi għal trasgressuri li jieħdu d-drogi, li jisħqu fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri tal-UE, fejn ikun xieraq u f'konformità mal-oqfsa legali tagħhom, jipprovdu u japplikaw miżuri alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi għal trasgressuri li jieħdu d-drogi sabiex jipprevjenu l-kriminalità, inaqqsu r-reċidività u jsaħħu l-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistema tal-ġustizzja kriminali, filwaqt li jħarsu wkoll lejn il-possibbiltà li tonqos il-ħsara għas-saħħa u jixxejnu r-riskji soċjali¹³;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li, skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2018 dwar alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi għal trasgressuri li jieħdu d-drogi, it-terminu "alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi" jista', skont il-leġislazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE, jirreferi wkoll għall-alternattivi li jintużaw minflok il-miżuri tradizzjonali ta' ġustizzja kriminali, jew flimkien magħhom, għal trasgressuri li jieħdu d-drogi;

FILWAQT LI JINNOTA wkoll li minħabba l-oqfsa legali u l-ħtiġijiet varjati tal-Istati Membri tal-UE, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri alternattivi għandhom jitfasslu mill-Istati Membri tal-UE skont ir-realtajiet tagħhom u f'konformità mal-leġislazzjonijiet nazzjonali, Ewropej u internazzjonali;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-ħidma attwali tal-Kummissjoni Ewropea, prevista mill-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025, għal rakkomandazzjoni biex jiżdiedu d-disponibbiltà, l-implimentazzjoni effettiva, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-miżuri pprovduti bħala alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi għal trasgressuri li jieħdu d-drogi f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri;

FILWAQT LI JFAKKAR fid-dokument ta' eżitu tas-Sessjoni Speċjali tal-2016 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, li jinkoraġġixxi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni, b'rigward dovut għas-sistemi nazzjonali, kostituzzjonali, legali u amministrattivi, ta' miżuri alternattivi jew addizzjonali għall-kundanna jew il-piena f'każijiet ta' natura xierqa, f'konformità mat-tliet konvenzjonijiet internazzjonali għall-kontroll tad-drogi, kif ukoll il-promozzjoni ta' rispons proporzjonat¹⁴;

¹³ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-użu ta' alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi għal trasgressuri li jieħdu d-drogi. 2018, p. 5

¹⁴ Dokument ta' eżitu tas-Sessjoni Speċjali tal-2016 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar il-problema dinjija tad-drogi, paragrafi 4(j) u 4(l)

FILWAQT LI JINNOTA wkoll li l-pożizzjoni komuni tas-sistema tan-NU għall-politika dwar id-drogi tirrikonoxxi li l-konvenzjonijiet tan-NU dwar il-kontroll tad-drogi jippermettu lill-pajjiżi jfasslu u jimplimentaw politika nazzjonali dwar id-drogi skont il-prijoritajiet u l-ħtiġijiet tagħhom, b'mod konsistenti mal-prinċipju tar-responsabbiltà komuni u kondiviża u mad-dritt internazzjonali applikabbli¹⁵;

FILWAQT LI JAGĦRAF il-ħtieġa għal promozzjoni u inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni u l-involvement attivi u sinifikattivi tas-soċjetà ċivili, inkluż organizzazzjonijiet nongovernattivi, żgħażaġh, persuni li jużaw id-drogi, persuni li qed jirkupraw, persuni li jużaw servizzi tas-saħħa u soċjali relatati mad-drogi, il-komunità xjentifika, id-dinja akkademika u esperti oħra, fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika dwar id-drogi¹⁶;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jiġi evitat kull konflitt ta' interess fl-inkwadratura u l-implimentazzjoni tal-politika dwar id-drogi u li jiġi żgurat li din ma tkunx influwenzata minn interessi kummerċjali mhux dovuti, u li kull konflitt ta' interess jiġi indirizzat skont il-proċeduri nazzjonali stabbiliti;

FILWAQT LI JAGĦRAF li hija fil-kompetenza tal-Istati Membri li jiżviluppaw u jadottaw il-politika nazzjonali tal-ġustizzja kriminali u l-liġijiet kriminali fid-definizzjoni tar-reati u sanzjonijiet b'rabta mad-drogi, waqt li JFAKKAR li skont l-Artikolu 168 TFUE l-Unjoni Ewropea għandha tikkomplementa l-azzjonijiet tal-Istati Membri fit-tnaqqis ta' ħsara għas-saħħa li tkun marbuta mad-drogi, inkluż l-informazzjoni u l-prevenzjoni;

1. JISTIEDEN lill-Istati Membri tal-UE biex ikomplu jappoġġaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politika u interventi bbażati fuq l-evidenza li jqiegħdu d-drittijiet tal-bniedem fil-qofol tar-rispons b'rabta mad-drogi, waqt li jiġġieldu l-kriminalità u jiżguraw is-sikurezza u s-sigurtà pubblika, għajxien sostenibbli u vijabbli u s-saħħa tal-individwi, il-familji u l-komunitajiet madwar l-UE;

¹⁵ Il-pożizzjoni komuni tas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-politika internazzjonali għall-kontroll tad-drogi permezz ta' kollaborazzjoni effettiva bejn l-aġenziji, 2018, p. 12; Riżoluzzjoni 62/8 tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

¹⁶ Żvilupp ibbażat fuq l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025, Prijorità Strateġika 7.3

2. JISTIEDEN lill-Istati Membri tal-UE biex ikompli jippromwovu politika dwar id-drogi li tirrispetta d-drittijiet tal-bniedem, tindirizza d-diskriminazzjoni u tnaqqas l-istigma fuq il-persuni li jużaw id-drogi, sabiex jiżguraw aċċess volontarju għas-servizzi, inkluż prevenzjoni, programmi ta' ħiliet għall-ħajja bbażati fuq l-evidenza, tnaqqis tar-riskju u l-ħsara, sejbien u intervent minn kmieni, servizzi ta' pariri, trattament, riabilitazzjoni, reintegrazzjoni soċjali u rkupru ta' persuni li jużaw id-drogi, kif ukoll trattament ta' komorbiditajiet marbuta mad-drogi;
3. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri tal-UE biex ikompli jippromwovu fil-politika tagħhom dwar id-drogi miżuri adatti għall-ġeneri u l-etajiet u miżuri li jirriflettu l-bżonnijiet speċifiċi tat-tfal u ż-żgħażaġħ, in-nisa u l-persuni f'sitwazzjoni marġinalizzata u vulnerabbli;
4. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri tal-UE biex jagħtu attenzjoni speċjali lill-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal, inkluż il-ħarsien tat-tfal mill-użu tad-drogi, u lill-prevenzjoni tal-isfruttament tat-tfal fil-produzzjoni illeċita u t-traffikar tad-drogi;
5. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri tal-UE biex jiżguraw li l-persuni fis-sistema tal-ġustizzja kriminali, inkluż dawk soġġetti għal alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi, ikollhom aċċess volontarju għal servizzi nondiskriminatorji u adatti għall-ġeneri u l-etajiet ibbażati fuq l-evidenza b'rabta mad-drogi, abbażi tal-bżonnijiet u l-kunsens infurmat tagħhom;
6. JISTIEDEN lill-Istati Membri tal-UE biex, fejn ikun xieraq, jappoġġaw il-parteċipazzjoni u l-involvement attivi u sinifikattivi tal-komunità xjentifika u l-esperti, tas-soċjetà ċivili, inkluż organizzazzjonijiet mhux governattivi, taż-żgħażaġħ, in-nisa u l-persuni li jużaw id-drogi fil-politika dwar id-drogi;
7. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri tal-UE u, skont il-kompetenzi tagħhom, lill-korpi u l-aġenziji rilevanti tal-UE biex isaħħu l-kooperazzjoni u jintegraw l-approċċ bilanċjat ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u fuq l-evidenza, inkluż fil-programmi għall-iżvilupp dwar il-politika dwar id-drogi, u jippromwovu l-konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-prinċipji tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni;

8. IHEĠĠĠĠ lill-Istati Membri tal-UE u lill-korpi u l-aġenziji rilevanti tal-UE biex jiżguraw li l-miżuri tal-politika dwar id-drogi orjentati lejn l-iżvilupp, inkluż l-iżvilupp alternattiv, jirrispettaw il-prinċipji tan-nonkondizzjonalità, in-nondiskriminazzjoni u s-sekwenzjar xieraq u jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u jiżguraw is-sjieda fost il-komunitajiet fil-mira;
9. IHEĠĠĠĠ lill-Istati Membri tal-UE u, skont il-kompetenzi tagħhom, il-korpi u l-aġenziji rilevanti tal-UE biex jopponu bil-qawwa l-impożizzjoni ta' pieni sproporzjonati u inumani għar-reati marbuta mad-drogi, bħall-piena tal-mewt, il-qtil ekstraġudizzjarju u d-detenzjoni arbitrarja;
10. IHEĠĠĠĠ lill-Istati Membri tal-UE biex, fejn ikun xieraq u f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom u fil-qafas tal-konvenzjonijiet tan-NU dwar il-kontroll tad-drogi u d-dritt tal-UE, ikomplu jesploraw l-aħjar Prattiki bbażati fuq l-evidenza u approċċi innovattivi li jnaqqsu l-istigma u d-diskriminazzjoni tal-persuni li jużaw id-drogi;
11. JISTIEDEN lill-Istati Membri tal-UE u, skont il-kompetenzi tagħhom, il-Kummissjoni u l-aġenziji rilevanti tal-UE biex jiġbru u jikkondividu informazzjoni dwar l-impatt tal-implimentazzjoni tal-miżuri ta' rispons tal-ġustizzja kriminali b'rabta mad-drogi u l-alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi fuq il-persuni li jużaw id-drogi, speċjalment dawk f'sitwazzjoni marġinalizzata u vulnerabbli;
12. JISTIEDEN lill-Istati Membri tal-UE u, skont il-kompetenzi tagħhom, il-korpi u l-aġenziji rilevanti tal-UE biex ixerrdu informazzjoni u jaqsmu bejniethom l-aħjar Prattiki fl-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-approċċ għall-politika dwar id-drogi bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u tal-approċċi biex jitnaqqsu l-istigma u d-diskriminazzjoni, inkluż permezz tal-azzjonijiet esterni tal-UE;
13. JISTIEDEN lill-Istati Membri tal-UE, il-Kummissjoni u l-aġenziji rilevanti tal-UE biex, fejn ikun xieraq, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom u b'rigward għad-data disponibbli, jirriflettu l-kwistjonijiet marbuta mad-drittijiet tal-bniedem meta jevalwaw il-politika dwar id-drogi.